## Stedina għal Impenn fil-Komunità ta' Ħajja Nisranija

L-impenn fil-Komunità ta' Ħajja Nisranija għandna nifmuh bħala tweġiba ta' mħabba lil Alla li jħobbna, u li impenja ruħu għalina sa mill-bidu. Għalhekk huwa impenn fuq kollox għal Alla, għal ħajja ta' fedeltà lejh, mibnija fuq il-valuri tal-Vanġelu, permezz tal-istil ta' ħajja tal-KĦN imfissra fil-Prinċipji Ġenerali.

### Għaliex tajjeb li nimpenja ruħi b'mod formali?

• Bħala bnedmin għandna bżonn sinjali tanġibbli li jsaħħuna fl-għażliet importanti tagħna. Meta nesprimi l-impenn tiegħi quddiem il-Komunità tisaħħaħ ir-rieda tiegħi; dan jgħini nibqa' fidil għall-għażla tiegħi fi żminijiet ta' dgħufija.

• Meta nimpenja ruħi, insaħħaħ il-kommunità li jiena nħobb, u fejn jiena kbirt. Il-komunità issa taf li tista' torbot fuqi, li noffri, skont kif nista', il-ħin u r-riżorsi tiegħi, u b'hekk tikber u tissaħħaħ bħala Komunità Apostolika. Fl-istess ħin, meta nimpenja ruħi b'mod pubbliku, il-membri tal-kommunità jkunu xhieda, u jidħlu għar-responsabbiltà li jgħinuni f'dan l-impenn.

### Xi għajnuniet f'din għażla:

• Din hi għazla personali u ma għandiex tiddependi fuq dak li jiddeċiedu sħabek fil-kommunità.

• Agħmel dan il-pass biss jekk għalik jagħmel sens, u jekk hu xi ħaga li tixtieq, u tħoss li ser tgħinhek tikber fl-imħabba.

• Agħmel dan il-pass wara li taqsam il-ħsieb tiegħek mal-komunità, jew mal-'guide', u tisma' dak li jaħsbu huma. Itlob flimkien mal-kommunità dwar l-għażla tiegħek. Dan jgħin ukoll lil-membri l-oħra biex jerfgħu r-risponsabbiltà li jgħinuk twettaq dan l-impenn.

• Biex nidħol għal dan l-impenn jeħtieġ li nkun naf sew fiex tikkonsisti l-istil ta' ħajja tal-Komunità ta' Ħajja Nisranija, mhux biss b'moħħi, izda wkoll għax diġà qiegħed/qiegħda ngħixha, ukoll jekk b'mod limitat.

### Hawn taħt jidhru xi kriterji dwar x'wieħed jistenna minn xi ħadd li jidħol għal impenn inizjali, biex jgħinuk fl-għazla tiegħek:

• Relazzjoni ħajja ma' Alla li tesprima ruħha konkretament fit--talb ta' kuljum, fit-tfittxija regolari tas-Sagramenti, u fil-prattika regolari tal-*Examen*, li jagħti dawl fuq kif Alla jaħdem f'ħajti.

• Bidu ta' esperjenza fl-Eżerċizzi Spiritwali f'forma ta' irtiri fis-skiet. (Dawk li għadhom ma għamlux l-Eżerċizzi Spiritwali ta' San Injazju b'mod sħiħ għandu jkollhom xewqa ġenwina li jagħmluhom u jimpenjaw ruħhom li dan isir fi żmien tlett snin.)

• Sensitività għall-problemi ta' inġustizzja, faqar u kull forma ta' marġinalizzazzjoni soċjali, u tfittxija sinċiera għal forom ta' solidarjetà reali mal-vittmi tagħhom. Din is-sensitività tesprimi ruħha wkoll fl-għazliet dwar stil ta' ħajja, l-użu tal-ħin, u fir-relazzjonijiet fuq ix-xoghol, fil-familja, u fil-ħin liberu.

• Sehem fil-ħajja tal-komunità, kemm dik lokali kif ukoll nazzjonali u internazzjonali. Fil-prattika dan iseħħ billi nerfa' sehem mir-responsabbilità għall-komunità, billi niddedika ħin u/jew riżorsi biex il-komunità tkompli tikber f'kull aspett u tilħaq l-għanijiet tagħha. Dan jinkludi sehem attiv fi proġetti apostoliċi li l-komunità tista' tidħol għalihom minn żmien għal żmien, skond il-possibbiltajiet li wiehed ikollu, permezz ta' parteċipazzjoni diretta jew b'modi oħra (per eżempju sostenn finanzjarju tal-proġett).

## An invitation to commitment in the Christian Life Community

Commitment in the Christian Life Community is to be understood as a loving response to God who loves us, and was committed to us from the beginning. Therefore, the commitment is primarily to God, to a life of faith, based on the values of the Gospel, through the CLC Way of Life embodied in the General Principles.

### Why a formal commitment?

- Because we are human, we need tangible signs to sustain us in our important choices. Expressing my commitment before the whole community strengthens my resolve and helps me to remain faithful to my choice in difficult times.
- When I commit myself I strengthen the community which I love and where I have grown. The community knows that I can be depended upon, as far as my circumstances allow, to give of my time and resources that it may grow as an Apostolic Community. At the same time, when I commit myself publicly, the members of the community are witnesses and take on the responsibility of supporting me in my commitment.

### Some hints about deciding on commitment

- This is a personal choice, and should not depend on the decision taken by others in your community.
- Take this step only if it makes sense to you, and if it is something you desire and feel will help you grow in love.
- Take this step after having shared your inclinations with your community, or with the guide, and listened to their feedback. Ask the community to pray for you and with you as you make the choice: this will also help the other members to take on the responsibility of supporting you in your commitment.
- Making this commitment obviously requires that I understand the CLC way of Life, not simply with my mind, but especially through having lived it over a period of time, even if in a limited manner.

### What qualities would one expect in someone who makes an initial commitment in CLC? Below is a set of criteria which can help you in your decision:

- A living relationship with God which expresses itself concretely in daily prayer, an appreciation of, and regular participation in the sacraments, and regular practice of the Examen which sheds light on how God is working in my life.
- An initial experience of Spiritual Exercises in the form of silent retreats. (Those who have not made the Spiritual Exercises of St. Ignatius in full should have a sincere desire and a commitment to do so within the next three years.)
- Sensitivity to situations of injustice, poverty and all forms of social marginalization, together with a sincere search for concrete ways of showing solidarity with their victims. This sensitivity expresses itself also in in my choices of lifestyle, use of free time, and in how I relate to others in my family, at work and other social activities.
- An active participation in the life of the community, at local, national and international levels. This expresses itself concretely by sharing, in some way, the responsibility for the community, dedicating time and/or resources so that it continues to grow and achieves its aims. This includes an active participation in any apostolic projects undertaken by the community, either through direct participation or through other means (eg financial support of the project).